MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2013

Appell Civili Numru. 8/2012/1

**Solar Engineering Limited**

**Vs**

**Oratorju Don Bosco**

Dan hu appell ta' Solar Engineering Limited minn decizjoni ta' Review Board tat-23 ta' Awissu 2012 wara li l-ghoti ta' tender ghal *"ODB 01/12 Supply Tender for for the installation of 20kWp Photovoltaic System at Oratory Don Bosco, Gozo"*. Il-Bord iddecieda li l-Kumitat ta' Evalwazzjoni kien gustifikat li jirrifjuta l-offerti li ssottomettiet l-appellanti.

L-aggravji tal-appellant huma bazati fuq:-

i. 'Il fatt li l-offerta ta' Solar Engineering Limited kienet l-iktar wahda ekonomikament vantagguza. Ghalhekk skond l-Artikolu 28(3) tal-Avviz Legali 296 tal-2010 it-tender kellu jinghata lilha.

ii. Aspetti teknici dwar it-temperatura.

L-appellata wiegbet li l-appell ghandu jigi michud ghaliex:-

i. L-appell hu null peress li gie prezentat wara li ghalaq it-terminu kontemplat mill-Avviz Legali 296 tal-2010.
ii. Ir-regolament 28(3)(b) tal-Avviz Legali 296 tal-2010 jipprovdi li l-ghoti ta' kuntratt pubbliku jista' jinghata wkoll skond il-kriterju ta' *"l-iktar prezz baxx offrut konformement mal-ispecifikazzjonijiet tal-offerta."*.
iii. Mill-aspett tekniku kien gustifikat li t-tender tal-appellanti jigi michud.

Fil-kors tat-trattazzjoni tal-appell qamet il-kwistjoni dwar kien hemm dritt ta' appell quddiem din il-qorti mid-decizjoni tal-Bord tal-Appell. Waqt is-seduta tal-5 ta' April 2013 saret trattazzjoni dwar dan il-punt u l-kawza giet differita ghal-lum sabiex tinghata sentenza fuq dan il-punt.

Dan l-appell hu bazat fuq ir-Regolamenti dwar Kuntratti Pubblici (Ligi Sussidjarja 174.04). Minn qari tar-regolamenti relattivi hu evidenti li dawn japplikaw ghal-kuntratti pubblici (ara Regolament 3) li jinghataw minn:-

*"awtoritajiet Statali, regjonali jew lokali, korpi regolati bid-dritt pubbliku, assocjazzjonijiet li ġew iffurmati b'xi wahda jew diversi minn dawk l-awtoritajiet jew b'xi wieħed jew aktar minn dawk il-korpi regolati bid-dritt pubbliku"* (Regolament 2).
Dan ifisser li appell quddiem il-qorti jrid ikun jitratta dwar kuntratt pubbliku li jkun inghata minn entita' li taqa' taht l-imsemmija definizzjoni. Certament li l-Oratorju Don Bosco f'Ghawdex, li hu parti mid-Djocesi ta' Ghawdex, ma jaqax taht id-definizzjoni ta' "awtorita' kontraenti" skond ir-regolament 2 tal-Ligi Sussidjarja 174.04. Ghaldaqstant, f'dan il-kaz ma jistax isir appell quddiem din il-qorti mid-decizjoni tar-Review Board. Ghalhekk l-appell huwa null.
**Ghal dawn il-motivi tiddikjara l-appell null u tichad l-istess bl-ispejjez kontra l-appellanti**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------